**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 620/2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Alfredo Mangion)**

**-Vs-**

**MARVIN (MARIOVIN) GRIXTI**
**(ID: 230377M)**

**Illum, 17 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi l-imputat **MARVIN (MARIOVIN) GRIXTI** detentur tal-karta ta' l-identita' numru 230377M, tressaq quddiemha akkuzat talli nhar it-t12 ta' Ottubru 2019 ghall-habta tas-sitta u kwart ta' filghodu (06:15h) gewwa r-residenza matrimonjali u cioe` 26, Sardinella, Triq il-Ghasel, Qormi u f'dawn il-Gzejjer:-

1. Volontarjament ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha u cioe` offiza ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' martu Sharon Grixti (I.D. 533680M) skond

ma iccertifika Dr. Daniel Cassar (med. Reg. no. 4400) mic-Centru tas-Sahha tal-Floriana u dan bi ksur tal-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil martu Sharon Grixti (I.D. 533680M) tibza' li se tintuza vjolenza kontra taghha jew kontra l-proprjeta` taghha jew kontra il-persuna jew il-proprjeta` ta' xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa jew familjari ohra taghha u dan bi ksur tal-Artikolu 251B(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Insulenta, hedded jew ingurja bi kliem jew b'mod iehor lil martu Sharon Grixti (I.D. 533680M) u dan bi ksur tal-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u storbju u dan bi ksur tal-Artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fejn tipprojibixxi lill-imputat milli javvicina lil martu Sharon Grixti u lil binha Wayne Grixti (I.d. 91203L) u r-residenza taghha kif ukoll il-postijiet li tali persuna tiffrekwenta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi l-imputat waqt l-ezami, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja, wiegeb li mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni;

[1] Fol. 7.

Semghet ix-xhieda kollha;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-parte civile u tad-difiza waqt is-seduta tas-7 ta' Jannar 2021 u semghet ukoll lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li qieghda tassocja ruhha mas-sottomissjonijiet tal-parte civile in linea ta' trattazzjoni;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan huwa kaz ta' allegat vjolenza domestika kif definita fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika. Il-fatti li johorgu mill-atti huma s-segwenti.

Mill-atti jirrizulta li Sharon Grixti marret tirrapporta fl-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi illi zewgha, l-imputat, aggrediha ghat-tieni darba wara li kienet diga` ghamlet rapport dwar vjolenza domestika fit-22 ta' Settembru 2019 meta huwa aggredixxa kemm lilha kif ukoll lil binhom.

**Sharon Grixti, il-parti leza**, meta xehdet quddiem il-Qorti stqarret li lejn l-ahhar ta' Awwissu 2019 zewgha beda jilmenta illi ma ghadux komdu fid-dar u li ghandu problema serja li ser twasslu biex jaghmel suwicidju u li kien fetah qalbu ma' persuna ohra biex tghinu. Qalet li qabel l-ahhar ta' Awwissu ma kienx hemm problemi fiz-zwieg taghhom izda meta l-imputat, fl-ewwel diskussjoni li kellu maghha dwar dawn il-problemi, involva lit-tifel taghhom, Wayne, ta' sittax-il sena, beda jkun hemm il-glied bejniethom u l-ewwel darba li nqala' dan il-glied, ghall-habta tal-ahhar gimghat ta' Awwissu jew bidu ta' Settembru 2019, hi u t-tifel raqdu l-lejl barra fil-karozza wara li hija ddecidiet li titlaq 'il barra mid-dar minhabba l-inkwiet bejn it-tifel u zewgha. Sharon Grixti kompliet tispjega illi sussegwentement, l-imputat beda jghidilha li mhux qed ihossu f'siktu u ghandu bzonn l-ghajnuna u hi pprovat issib psikologi jew xi

qassis biex jghinhom. Qalet li kull darba li l-imputat ipprova jiddiskuti s-sitwazzjoni ma' binhom, kienu jispiccaw dejjem fl-idejn u hi fin-nofs tipprova tferraqhom, ghaliex it-tifel kien ihoss li ma ghandux ghalfejn ikun prezenti waqt dawn id-diskussjonijiet.

Fil-21 ta' Settembru 2019, hija stqarret ma' zewgha li kienet tqila u ghalkemm ghall-bidu hu deher li kien kommoss, wara ftit bdiet tahkmu r-rabja, beda jihmar u jghidilha li qed tugghu rasu u li ma jafx x'ser jaqbad jaghmel minhabba s-sitwazzjoni li hi gabitu fiha. Imbaghad, l-ghada fit-22 ta' Settembru 2019, zewgha ghajjat lit-tifel u qallu li postu m'ghadux id-dar ghaliex id-dar taghhom ma ghadhiex ta' familja, li hemm hafna problemi u jkun ahjar li jitlaq mid-dar. Dakinhar l-imputat u ibnu gew fl-idejn u f'xi waqt, meta kienet fil-*landing* fis-sular ta' fuq, zewgha spicca imbotta lilha wkoll minn wara, minn spallitha u dak il-hin hija waqghet mal-art. It-tifel beda jghajjat ma' missieru biex ma jmissx lil ommu u spiccaw it-tnejn jaghtu fuq is-sodda tant li kissru s-sodda. Il-parti leza kompliet tispjega li hekk kif hi nizlet 'l isfel biex iggib il-mobile u nizel binha warajha, l-imputat nizel jigri warajhom, qabad siggu u ta daqqa ta' siggu lit-tifel. Dak il-hin, huma telqu 'l barra u marru mill-ewwel jaghmlu rapport fl-Ghassa tal-Pulizija u peress li ma xtaqitx terga' tidhol id-dar minhabba r-rabja li kellu l-imputat, marru hi u t-tifel gewwa *shelter* fejn ghamlu biss gurnata qabel regghu marru lura d-dar minhabba impenji skolastici tat-tifel.

Sharon Grixti xehdet illi fit-12 ta' Ottubru 2019, kienet rieqda fuq s-sufan isfel u dan wara li kienet gabret lit-tifel tard bil-lejl u baqghet isfel. Spjegat li hija ma baqghetx torqod fil-kamra matrimonjali flimkien ma' zewgha ghaliex ma baqghetx thossha komda hdejh. L-imputat nizel ghall-habta tas-6.00 a.m. jew 6.15 a.m. biex jipprepara ghax-xoghol. Kien irrabjat u beda jistaqsiha min kisser il-bieb tal-kamra tas-sodda u hi spjegatlu li l-gurnata ta' qabel it-tifel kien ta daqqa ta' spalla l-bieb u mbotta ftit il-panew u kien telaq jigri 'l barra. Hi qaltlu wkoll li dan gara ghaliex it-tifel ma jistax jifhem is-sitwazzjoni li qeghdin

fiha fid-dar, bil-bibien kollha msakkrin, b'zewgha jerga' jghidilha li ma jridx lit-tifel fid-dar u li "*sa filghaxija jrid jitlaq inkella ha tigri wahda kbira*"[2].

Il-parti leza kompliet tispjega illi dak il-hin, l-imputat ghamel il-qasba ta' idejh ma' halqha u ma' ghonqha, bil-minkeb fuq sidirha u beda jaghfasha mal-*armrest* tas-sufan. Imbaghad, f'daqqa u l-hin, waqt li qed tghidlu li m'ghandux dritt jitfa' lit-tifel barra, l-imputat qabad is-sufan u qalibha bis-sufan b'kollox "*mid-dahar 'il quddiem*". Hi fissret illi "*… spiccajt jigifieri taht is-sufan u weggajt saqajja ghax infethet ir-recliner u dahlitli saqajja mil-irkoppa 'l isfel kollha taht is-sufan, jigifieri l-bruises li kelli mainly b'din tas-sufan u tbengila zghira fuq il-kappell t'ghajnejja.*"

Qalet ukoll li meta resaq lejn is-sufan u gie jaghmel il-pressjoni ma' wiccha, l-imputat qalilha "*Qazzizt 'l Alla, messek titlaq 'il barra*". Fissret ukoll kif, biex tipprova tohrog minn taht is-sufan, li huwa *two-seater*, kellha tgholla u titkaxkar minn spazju zghir ghaliex in-naha li setghet tohorg minnha kien hemm il-*wall unit*[3], izda riaffermat illi l-ferita f'sieqha saret meta s-sufan inqaleb ghal fuqha u saqajha dahlet bejn il-hadid tar-*recliner*. Hi esebiet sett ta' ritratti tal-griehi li garrbet fit-12 ta' Ottubru 2019, liema ritratti gibdithom fil-ghaxija dakinhar stess tal-incident[4].

Sharon Grixti xehdet ukoll li marret l-Ghassa biex tirrapporta l-incident, fejn sar *risk assessment* mill-*assessors* tal-Agenzija Appogg[5], u marret ukoll il-Polyclinic biex tigi ezaminata minhabba l-griehi li garrbet. Qalet ukoll li bejn l-incident tat-22 ta' Settembru 2019 u dak tat-12 ta' Ottubru 2019, ma kienux inqalghu iktar incidenti bejnha u zewgha l-imputat izda kienet hasset li s-sitwazzjoni kienet sejra ghall-aghar ghaliex zewgha kien konfuz u indeciz jekk riedx jibqa' iktar fiz-zwieg jew jitlaq mid-dar u ma kienx qed ikun f'siktu.

---

[2] Fol. 30.
[3] Ara kontro-ezami ta' Sharon Grixti, 29 ta' Settembru 2020.
[4] Xhieda tad-29 ta' Settembru 2020, ritratti Dok. SG1 sa SG8.
[5] Ix-xhud esebiet dan ir-risk assessment, datat 12.10.2019 – Dok. SG1

**PS 362 Wayne Borg**, li kien nizzel ir-rapport li ghamlet Sharon Grixti fl-Ghassa ta' Hal Qormi fit-12 ta' Ottubru 2019 fis-18:45h, xehed illi huwa osserva dak il-hin li l-kwerelanti kellha xi marki vizibbli ta' daqqiet f'wiccha kif ukoll f'sieqha l-leminija u kien baghtha biex taghmel certifikat mediku[6]. Xehed ukoll li l-kwerelanti kienet inkwetata minhabba s-sitwazzjoni fid-dar matrimonjali u minhabba t-tifel minuri, u kienet ukoll imbezzgha minn zewgha. Ix-xhud fisser li Sharon Grixti kienet diga` marret l-Ghassa iktar kmieni fil-ghodu fl-istess gurnata biex tirrapporta li kienet giet imsawta izda kienet ecitata u mhux certa jekk kienetx sejra taghmel rapport formali.

**Dr. Daniel Cassar** xehed illi meta huwa ezamina lil Sharon Grixti fit-12 ta' Ottubru 2019, seta' jikkostata li kellha griehi ta' natura hafifa, konsistenti fi tbengila fuq il-kappell tal-ghajn tax-xellug, tbengila ohra fuq dirghajha tax-xellug, naha ta' wara u ohra fuq idejha tal-lemin fuq quddiem. Kellha wkoll barxa fuq in-naha t'isfel tas-sieq tal-lemin u tbengil fuq iz-zewg irkobbtejn. Ix-xhud ikkonferma li t-tbengil kien ghadu frisk u xehed ukoll illi l-vittma qaltlu li l-griehi kienu rizultat ta' vjolenza domestika fil-konfront taghha[7].

**L-imputat** irrilaxxa stqarrija waqt l-interrogazzjoni tieghu mill-Pulizija fit-13 ta' Ottubru 2019 wara li nghata d-drittijiet legali kollha tieghu skont il-ligi, fejn iddikjara li dak iz-zmien huwa u martu Sharon Grixti kienu ghaddejjin minn process ta' separazzjoni personali u fid-dar matrimonjali, huwa kien jidhol biss biex jorqod. Qal ukoll li kemm ilu li nbeda l-process tas-separazzjoni, martu, li dak iz-zmien kienet tqila, bdiet ixxewwex lit-tifel taghhom, Wayne, ta' sittax-il sena, kontrih. Huwa sostna illi l-lejl qabel it-12 t' Ottubru 2019 huwa sab il-bieb tal-kamra tas-sodda fejn jorqod hu, imkisser u mal-lejl sema' lil martu hierga 'l barra u ma semaghhiex diehla lura fil-ghodu. Kif iltaqa' maghha, saqsiha min kien kisser il-bieb u qaltlu li kien it-tifel ghaliex sab il-bieb

[6] Dan ic-certifikat mediku gie prodott il PS 954 James Mangion, ara xhieda tat-12 ta' Dicembru 2019.
[7] Ix-xhud qal ukoll li f'kaz generali, tbengila tibda tifforma wara ftit sighat.

imsakkar. Hu nnega li f'xi hin refa' idejh fuq martu u meta gie infurmat li martu kienet marret l-Ghassa tal-Pulizija b'marki ta' swat fuqha u daqqiet f'wiccha, hu insista li ma kienx hu li sawwatha u sahaq li martu kienet barra bil-lejl. Stqarr illi ghalkemm filghodu kienet id-dar u gholla lehnu meta saqsiha dwar il-bieb imkisser, cahad li nqala' argument u li hedded li ser ikecci lit-tifel mid-dar.

L-imputat accetta illi hu u martu ilhom ghaddejjin bl-argumenti ghall-ahhar xaharejn u illi waqt argument precedenti, martu harget mid-dar wara li kellu argument mat-tifel fejn martu wkoll bdiet taghtih daqqiet fuq rasu u hu spicca imbuttaha. Sostna wkoll illi martu kienet qaltlu li jekk jitlaq mid-dar "*tpattihielu u tirrangah ghall-frisk*".

Imbaghad, fil-verzjoni moghtija mill-imputat meta rrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija ta' Hal Qormi, wara li nghata d-drittijiet legali tieghu[8], huwa stqarr li martu kemm il-darba qaltlu li jekk kien ser jitlaq mid-dar kienet ser tpattihielu, pero` dan il-kliem ma kienetx qalitu waqt l-incident tat-12 ta' Ottubru 2019.

Meta sussegwentement xehed quddiem il-Qorti fil-31 ta' Ottubru 2020, l-imputat qal li meta qam ghax-xoghol fit-12 ta' Ottubru 2019, iltaqa' ma' martu u saqsiha min kisser il-bieb tal-kamra tas-sodda. Hi wegbitu li kien it-tifel li kisser il-bieb ghaliex kien sabu msakkar u qaltlu wkoll li ser tpattihielu u tirrangah ghall-frisk. Mistoqsi ta' x'hiex martu kienet ser tpattihielu, huwa wiegeb li qaltlu li ghandha hames affarijiet xi tpatthielu "*u jien kif ergajt smajt dak il-kliem, ma kellix triq ohra hlief qbadt il-baskett tax-xoghol u tlaqt 'il barra.*" Sostna wkoll li huwa ma regghex resaq lejn id-dar sakemm l-ghada fit-13 ta' Ottubru 2019, cemplulu l-Pulizija u gie arrestat. L-imputat xehed ukoll li ghalkemm huwa minnu li martu kienet fuq is-sufan, meta beda jsaqsiha hi qamet minn fuq is-sufan u ressqet in-naha tal-kcina.

[8] Ara xhieda ta' PS 954 James Mangion, 12 ta' Dicembru 2019, fol. 66.

Cahad li hu kien b'xi mod mess lil mara tieghu dakinhar u cahad ukoll li martu baqghet mimduda fuq is-sufan ghaliex fi kliemu, jekk "*jiena mmur biex nigbed is-sufan biex neqlibha bis-sufan, hi facilment ittik daqqa ta' sieq. Dan hadd mhu ha jibqa' iccassat f'kelma wahda.*" Iddefenda ruhu wkoll billi sostna li galadarba kien qed jistaqsi ghalfejn tkisser il-bieb, ma kienx ser imur ikisser ukoll is-sufan.

L-imputat ikkonferma li kien hemm rapport iehor ta' vjolenza domestika fil-konfront tieghu, rigward incident li sehh ma' martu u ibnu fit-22 ta' Settembru 2019.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghall-ewwel imputazzjoni li l-imputat, fit-12 ta' Ottubru 2019 ghall-habta tas-6.15 a.m. ikkaguna offizi ta' natura hafifa fuq martu Sharon Grixti, ftit hemm x'jista' jinghad. Il-Qorti semghet lil Sharon Grixti tixhed quddiemha u tqis li l-verzjoni taghha dwar l-incident li sehh ma' zewgha fit-12 ta' Jannar 2019 fil-ghodu waqt li hija kienet fuq is-sufan u hu nizel irrabjat minhabba li sab il-bieb tal-kamra tas-sodda mkisser, hija wahda kredibbli u veritjera. Tosserva ulterjorment illi din il-verzjoni hija wkoll konsistenti fis-sustanza u l-fatti saljenti taghha, sija mal-verzjoni li l-istess Sharon Grixti irrapportat fl-Ghassa tal-Pulizija fit-12 ta' Ottubru 2019[9], kif ukoll mal-verzjoni li hija tat lir-*risk assessors* mill-Agenzija Appogg li gew imsejhin gewwa l-Ghassa tal-Pulizija biex ihejju rapport dwar Risk Assessment[10]. Jirrizulta mill-istess Risk Assessment li Sharon Grixti ddeskriviet kif zewgha qabad u qaliba bis-sufan b'kollox, bir-rizultat li s-sufan inqaleb fuqha:- "*beda jaghfasli wicci mal-*

---

[9] Fil-verzjoni li rrapportat fit-12 ta' Ottubru 2019, Sharon Grixti stqarret li ghall-habta tas-6.15 a.m hija kienet rieqda fuq is-sufan u gie zewgha jqajjimha u jistaqsi min kien kisser il-bieb tal-kamra tas-sodda tieghu. Hija stqarret li hekk kif spjegatlu kif t-tifel taghhom kien imbotta ftit il-panew tal-bieb 'il gewwa ghaliex ma setax jifhem is-sitwazzjoni bejn il-genituri tieghu, l-imputat qabad is-sufan minn dahru u qaleb is-sufan b'mod li hija spiccat taht l-istess sufan.

[10] Ara Risk Assessment Dok. SG1.

*armrest ... mbaghad qabad is-sufan mid-dahar u qaleb kollox u jien spiccajt taht is-sufan, while he was shouting*"[11].

Il-Qorti tosserva ulterjorment li l-griehi li l-parti leza giet certifikata li soffriet f'dan l-incident, konsistenti f'tbengil frisk f'diraghajha t-tnejn u rkobbtejha, kif ukoll tbengila fuq l-ghajn tax-xellug u barxa fuq in-naha t'isfel ta' sieqha (liema griehi jidhru wkoll fir-ritratti esebiti fl-atti), huma wkoll perfettament kompatibbli mal-verzjoni taghha u jikkombaccjaw tajjeb mad-deskrizzjoni li tat dwar l-azzjonijiet ta' zewgha, partikolarment meta ghamel pressjoni b'idu biex jaghfsilha wiccha mas-sufan u meta qalleb is-sufan biha b'kollox u spiccat tahtu bil-konsegwenza li saqajha spiccat dahlet fil-hadid tar-*recliner*. Dawn il-griehi kienu vizibbli wkoll meta l-parti leza marret tirrapporta l-incident gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fit-12 ta' Ottubru 2019, kif del resto xehed PS 362 Wayne Borg, li ddeskriva li ra marki ta' daqqiet fuq wiccha kif ukoll fuq sieqha l-leminija.

Ghalkemm l-imputat fix-xhieda tieghu quddiem il-Qorti kif ukoll fl-istqarrija li huwa rilaxxa waqt li kien arrestat, cahad ghal kollox li kien sehh xi argument ma' martu, *multo magis* li kien refa' idejh fuqha fit-12 ta' Ottubru 2019, il-Qorti ma tqisx li din il-verzjoni hija verosimili. Tibda biex tosserva illi meta gie mistoqsi mill-Qorti jekk kienx irrabjat li l-bieb tal-kamra tieghu kien imkisser, l-imputat wiegeb li ma kienx irrabjat izda ma kienx ferhan lanqas, u insista li hu u martu dak il-hin kienu qed jitkellmu b'mod normali izda kif martu qaltlu li ser tpattihielu, qabad il-baskett u telaq 'il barra. Il-Qorti, izda, tinnota illi l-imputat kien stqarr waqt l-interrogazzjoni tieghu, li jista' jkun li ghola ftit lehnu u meta baqa' jigi mistoqsi mill-Qorti, stqarr ukoll "*bqajt insaqsiha ghax jiena m'emminthiex li qaltli li kisser il-bieb*".

[11] Hija semmiet ukoll il-problemi li nibtu bejn zewgha u t-tifel taghhom u li zewgha kien ilu ghall-ahhar xahar jagixxi b'mod abbuziv fil-konfront taghha u li kien qed ikun aggressiv anke fil-konfront ta' binhom.

Tosserva wkoll illi ghalkemm l-imputat xehed quddiem il-Qorti li martu regghet qaltlu fit-12 ta' Ottubru 2019 li ser tpattihielu, din il-verzjoni tikkuntrasta mal-verzjoni li huwa ta meta rrapporta gewwa l-Ghassa tal-Pulizija[12] fejn stqarr espressament li martu ma kienetx qaltlu l-kliem li ser tpattiheilu waqt l-incident tat-12 ta' Ottubru 2019. Maghdud dan il-fatt illi ghalkemm l-imputat xehed li huwa qabad u telaq 'il barra meta sema' lil martu tghidlu li ser tpattihielu, u dan minghajr ma messha, jirrizulta mix-xhieda li l-imputat kien diga` refa' idejh fuq ibnu kif ukoll fuq martu waqt l-incident tat-22 ta' Settembru 2019, liema incident wassal biex jittiehdu proceduri kriminali fil-konfront tieghu.

Fl-assjem tal-provi kollha, il-Qorti difficilment tista' taghti piz favorevoli lill-verzjoni tal-imputat li huwa telaq mid-dar minghajr ma refa' idejh fuq martu, meta hu evidenti li kellhom argoment bejniethom rigward il-bieb imkisser, kif ukoll fl-isfond tad-diffikoltajiet matrimonjali li kienu qeghdin jirriskontraw f'dak iz-zmien. Tqis li din il-verzjoni ma tinstawra fiha l-ebda konvinciment, wisq anqas konvinciment fuq bazi ta' bilanc ta' probabbilitajiet. Ghall-kuntrarju, il-Qorti hija moralment konvinta, fl-isfond tal-provi kollha akkwiziti fl-atti, illi Sharon Grixti garrbet il-griehi certifikati minn Dr. Daniel Cassar, bhala rizultat tal-azzjonijiet tal-imputat hekk kif deskritti minnha fix-xhieda taghha quddiem il-Qorti, liema verzjoni hija konsistenti, kredibbli kif ukoll sorretta minn provi ohrajn cirkostanzjali li ma jhallu ebda dubju ragjonevoli dwar il-htija tal-imputat ghar-reat addebitat lilu fl-ewwel imputazzjoni.

Ghall-kompletezza, u sabiex tindirizza s-sottomissjoni li saret fir-rigward mid-difiza waqt it-trattazzjoni finali, il-Qorti ma tara assolutament xejn implawsibbli fil-fatt illi l-imputat, li huwa deskritt bhala persuna ta' statura kbira, irnexxielu jaqbad is-sufan minn dahru u jigbdu 'l quddiem b'martu b'kollox, b'mod li hija spiccat taht is-sufan. Wara kollox, kif diga` gie stabbilit, dawn il-griehi, partikolarment il-brix f'saqajha huma konsonanti ma' din il-verzjoni ta' fatti.

[12] Ara xhieda ta' PS 954 James Mangion, fol. 67 u okkorrenza Dok. AM4 a fol. 12 *et seq*.

Ghaldaqstant, il-Qorti sejra taghti affidament pjen lix-xhieda tal-parti leza fir-rigward, hekk kif debitament korroborata minn provi cirkostanzjali ohrajn u tqis li l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 221(1) tal-Kap. 9 bl-aggravju prospettat taht l-Artikolu 222(1)(a) u l-Artikolu 202(h) tal-istess Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Permezz tat-tieni imputazzjoni, l-imputat gie mixli bir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 li jipprospetta bhala reat l-imgieba ta' persuna li "... *tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija flartikolu 222(1) ... jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*"

Dwar l-element kostituttiv tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa pacifiku fl-insenjament gurisprudenzjali in materja illi jehtieg li jintwera li "*l-imgieba*" tal-agent tar-reat tammonta ghal *a course of conduct* u dan kif jidher mill-kliem tal-ligi: "*… lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet*".

Il-Qorti tibda biex tosserva li t-tieni imputazzjoni hija miktuba b'mod li tirreferi għal dak li gara "*fit-12 ta' Ottubru 2019 u fil-jiem u l-granet ta' qabel gewwa r-residenza 26, Sardinell, Triq il-Ghasel, Qormi*". Huwa minnu li biex ikun hemm ħtija taħt l-Artikolu 251B irid jirriżulta li jkun hemm *a course of conduct* u huwa minnu li l-provi fil-kaz in dizamina juru illi effettivament, l-imgieba tal-imputat wara l-ahhar ta' Awwissu 2019 u senjatament fit-22 ta' Settembru 2019, kien wiehed li rawwem fil-parti leza biza' li ser tintuza vjolenza fil-konfront taghha.

Madanakollu, mix-xhieda ta' Sharon Grixti nnifisha, hu evidenti li ma sehh ebda incident bejnha u bejn l-imputat fil-granet qabel it-12 ta' Ottubru 2019 fejn minhabba l-komportament tal-imputat hija bezghet li ser tintuza l-vjolenza fil-konfront taghha, id-dixxendenti jew il-proprjeta` taghha. Effettivament, hi xehdet li l-ewwel darba li nqala' l-glied bejn l-imputat u binhom kien ghall-habta tal-ahhar gimghat ta' Awwissu jew bidu ta' Settembru 2019, u ghalkemm hasset li b'mod generali is-sitwazzjoni kienet sejra ghall-aghar u zewgha kien konfuz u indeciz jekk riedx jibqa' iktar fiz-zwieg, fuq mistoqsija tal-Qorti hija **eskludiet espressament li bejn l-incident tat-22 ta' Settembru 2019 u dak tat-12 ta' Ottubru 2019 kienu nqalghu iktar incidenti bejnha u zewgha l-imputat**[13].

Illi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car f'dak li ghandu jissemma specifikatament fic-citazzjoni, u jipprovdi li:-

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"

Fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*", intqal hekk:-

"*L-imputazzjoni ghalhekk kif impostata qed tirreferi ghal xi haga li allegatament grat tnax-il siegha wara u l-ewwel Qorti hekk sabet lill-appellant hati. Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara.*"[14]

[13] Ara xhieda ta' Sharon Grixti 6 ta' Novembru 2019, fol. 30.

[14] Ara wkoll in propositu **Il-Pulizija (Spettur Nadia Lanzon) vs Rita Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005; **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deciza mill-

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011. Inoltre, kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs omissis Francesco sive Godwin Scerri** deciza fit-18 ta' April 2012, jekk tul il-kumpilazzjoni jkunu jirrizultaw partikolaritajiet ta' fatti, lok u zmien li jvarjaw sostanzjalment ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni setghet titlob korrezzjoni fic-citazzjoni.

Izda fil-kaz odjern, ma ntalbet ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni biex il-partikolarita` taz-zmien indikata fl-imputazzjonijiet odjerni, tigi tirrifletti z-zmien tal-episodji precedenti bejn il-partijiet ghall-finijiet tal-Artikolu 251B tal-Kap. 9, skont kif jirrizulta b'mod evidenti mill-provi. Konformement, il-Qorti tqis illi l-Prosekuzzjoni baqghet marbuta mal-imputazzjonijiet kif impostati li, kif gia` stabbilit, kwantu ghat-tieni imputazzjoni dwar ir-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, jirreferu ghal kondotta li sehhet fid-data tat-**12 ta' Ottubru 2019 u l-jiem u l-granet ta' qabel.**

Il-Qorti hija tal-fehma illi d-data tat-22 ta' Settembru 2019, meta sehh l-ahhar incident fejn l-imputat seta' wera xi imgieba konkreta li tikkaguna biza' ta' vjolenza, **ma tinkwadrax felicement fil-parametri temporali mfissrin fic-citazzjoni ghaliex din tipprecedi d-data tat-12 ta' Ottubru 2019 b'kwazi tliet gimghat u l-episodju relattiv sahanistra jmur lura ghax-xahar precedenti**. Ghalhekk ghall-fini tal-partikolaritajiet ta' zmien imsemmija fic-citazzjoni kwantu ghat-tieni imputazzjoni, il-Qorti tqis li huwa biss l-incident tat-12 ta' Ottubru 2019 li jirrizulta mill-provi li jinkwadra fil-parametri tat-"*12 ta' Ottubru 2019 u jiem u granet ta' qabel*". Madanakollu, kif inhuwa risaput,

---

Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2017.

incident wiehed biss ma jammontax ghal *a course of conduct* li, kif rajna, huwa mehtieg ghas-sejbien ta' htija tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Norman Cascun** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1).****"*[15] [emfasi ta' din il-Qorti]

Huwa minnu li hu rikonoxxut ukoll fil-gurisprudenza[16] illi jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni wahda fl-istess jum fejn tigi ravvizata l-kondotta mehtiega ghall-finijiet tal-Artikolu 251B, u ghalhekk tista' tinstab htija ghal dan ir-reat anke f'kaz li jigi ppruvat li kien hemm *a course of conduct* f'gurnata wahda biss. Madanakollu fil-kaz in dizamina, kemm mill-imputazzjoni kif imfassla, kif ukoll mix-xhieda tal-parti leza, ma jirrizultax li kien hemm *a course of conduct* fl-istess jum li seta' jwassal biex jigi rravvizat ir-reat ipotetizzat fl-Artikolu 251B.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghat-tieni imputazzjoni.

Ikkunsidrat;

Kwantu ghar-reat addebitat fit-tielet imputazzjoni, il-Qorti ma tqisx illi fil-kliem "*Qazzist 'l Alla, messek titlaq 'il barra*"[17] li l-imputat indirizza lill-parti leza waqt l-argoment tat-12 ta' Ottubru 2019, jista' jigi ravvizat l-ingurja jew

[15] Deciza 12.12.2019.
[16] Ara Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna, deciza fil-21 ta' Frar 2012, Qorti tal-Appell Kriminali.
[17] Kontro ezami ta' Sharon Grixti, 29 ta' Settembru 2020, fol. 90.

theddid li jehtieg li jigi ppruvat biex tinsab htija ghar-reat taht l-Artikolu 339(1)(e) tal-Kap. 9. Madanakollu, il-parti leza xehdet ukoll illi waqt l-incident tat-12 ta' Ottubru 2019, zewgha filwaqt li kien qed jghajjat, qalilha li ma jridx lit-tifel fid-dar u li "*sa filghaxija jrid jitlaq inkella ha tigri wahda kbira*"[18] u diversament mill-kliem l-iehor fuq citat, il-Qorti tirravviza f'dan il-kliem tal-ahhar, theddida manifesta diretta lejn il-parti leza u ghaldaqstant, htija ghar-reat kontravvenzjonali taht l-imsemmi Artikolu 339(1)(e).

Kwantu ghar-raba' imputazzjoni, billi jirrizulta illi l-episodji li xehdet dwarhom il-parti leza fix-xhieda taghha, ilkoll sehhew gewwa d-dar matrimonjali tal-partijiet gewwa Hal Qormi u ghalkemm ic-citazzjoni tindika espressament il-partikolarita` tal-lok tar-reati addebitati lil-imputat bhala reati li sehhew "*fir-residenza matrimonjali u cioe` 26, Sardinell, Triq il-Ghasel, Qormi **u f'dawn il-Gzejjer***", il-Qorti ma riskontrat ebda episodju li sehh fil-pubbliku f'lok iehor gewwa Malta. Konsegwentement ma jirrizultax ir-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9 li necessarjament, jipprospetta agir li jitwettaq fil-pubbliku jew post accessibbli ghall-pubbliku.

Ikkunsidrat;

Ghall-finijiet tal-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali netta kif ukoll il-fatt li jirrizulta li l-incident in dizamina sehh fl-isfond ta' diffikoltajiet matrimonjali li kienu feggew recentement bejn il-koppja. Qieset ukoll il-fatt illi mix-xhieda tal-parti leza jirrizulta illi fiz-zmien tal-incident l-imputat kien ghaddej minn perijodu ta' incertezza u ansjeta` li affettwa negattivament il-kontroll emozzjonali tieghu kif ukoll sfratta r-relazzjoni tajba li qabel dejjem kellu ma' ibnu, tant illi spiccaw anke jiggieldu fizikament. Fil-qies ta' dan kollu, il-Qorti hija tal-fehma illi l-imputat jehtieg illi jinghata struttura fejn jista' jindirizza l-problema evidenti li ghandu ta' nuqqas ta' kontroll fuq l-azzjonijiet tieghu u kif ukoll sabiex, tenut in

[18] Fol. 30.

konsiderazzjoni l-fedina penali netta tieghu, jaghraf li jzomm 'il boghod minn kondotta negattiva li tista' twassal ghall-ghemil ta' reati ohra.

Ghaldaqstant, fil-qies ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti hija sodisfatta li s-sorveljanza tal-ħati minn uffiċjal tal-probation tkun mixtieqa fl-interess li jiġi prevenut l-għemil ta' reati oħra u l-iktar sanzjoni xierqa li tista' tigi imposta fic-cirkostanzi tal-kaz inkluz il-karattru tal-imputat, m'hijiex piena karcerarja, izda hija l-hrug ta' Ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ma ssibx lil MARVIN (MARIOVIN) GRIXTI hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 17, 31, 214, 215, 221(1), 222(1)(a), 202(h), 251B, 251H u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssib lil MARVIN (MARIOVIN) GRIXTI hati tal-ewwel u t-tielet imputazzjonijiet migjuba kontrih, izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tqieghed lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal perijodu ta' sentejn.**

**Ghall-fini tal-Artikolu 7(7) tal-Kap. 446, il-Qorti fissret lill-hati, bi kliem li huwa jifhem, x'ikun l-effett tal-ordni, u li jekk huwa jonqos milli jikkonforma ruhu maghha jew jaghmel xi reat iehor, jista' jingħata sentenza ghar-reat originali, u l-hati esprima r-rieda tieghu li jikkonforma mal-htigijiet ta' din l-Ordni.**

**Billi tqis li huwa mehtieg u spedjenti sabiex tipprovdi ghas-sigurta` ta' Sharon Grixti, qieghda b'zieda mal-piena, tordna l-hrug ta' Ordni ta' Trazzin kontra l-istess MARVIN (MARIOVIN) GRIXTI a tenur tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien sentejn mil-**

**lum u dan taht it-termini u kundizzjonijiet ohrajn elenkati fid-digrieti moghtija kontestwalment.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**